# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

**Illum il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru 2018**

**Kawża Nru: 1**

**Rik Ġur Nru: 904/11 JA**

**Carmel *sive* Charles Aquilina**

**vs**

**Anthony Aquilina, Marlene Debattista u Juliette Falzon**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Carmel *sive* Charles Aquilina preżentat fil-15 ta' Settembru 2011fejn ġie premess:

Illi l-partijiet kontendenti huma lkoll aħwa, ulied id-defunti Paul Aquilina, li ġie nieqes fil-21 ta' Frar 2007 u Josephine Aquilina li ġiet nieqsa fit-13 ta' Ottubru 2001; u

Illi mir-riċerki testamentarji rriżulta illi l-ġenituri tal-partijiet, Paul u Josephine konjuġi Aquilina, għamlu testment *unica charta* datat 19 ta' Ottubru 2000, in atti Nutar Dr Mario Felice, filwaqt illi d-defunt Paul Aquilina għamel ukoll testment ieħor wara l-mewt ta' martu, liema testment huwa datat 9 ta' Jannar 2003 in atti Nutar Dr John Spiteri; u

Illi in forza tat-testment *unica charta* imsemmi, il-ġenituri ddisponew illi jħallu d-dar numru tnejn u disgħin (92), magħrufa bl-isem Sinai, fi Triq Joe Sciberras, Ħamrun b'titolu ta' prelegat lill-konvenuti intimati, *stante* illi *ai termini* tal-istess testment, u aktar speċifikament Artikolu erbgħa (4) tal-istess testament, huma ddikjaraw illi *"... huma ħallew id-dar fejn joqogħdu lil tlieta biss minn uliedhom, peress illi fl-1989 huma kienu diġa' għaddew il-garage li kellhom fi Triq Pietru Xuereb, Gwardamangia, lil binhom l-ieħor Carmel-Paul magħruf Charles Aquilina; u għalhekk dan tal-aħħar diġa' bbenifika sostanzjalment minn proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lit-testaturi"*; u

Illi għalkemm huwa minnu illi l-attur rikorrenti akkwista l-imsemmi fond, ossia garage, mingħand il-ġenitur tiegħu permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Jannar 1989, in atti Nutar Dr Mario Louis Felice, tali trasferiment kien permezz ta' bejgħ, u l-esponenti ħallas lill-ġenituri tiegħu l-prezz hemm dikjarat, u ċjoe' l-ammont ta' Lm 3,500, ekwivalenti għal € 8,152.81: u

Illi l-prezz imħallas mill-attur lid-defunti ġenituri tiegħu kien b'rata kummerċjali, meħud tal-fatturi rilevanti għal din il-proprjeta', inkluż illi tali proprjeta' kienet mikrija lil terzi, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża: u

Illi għalhekk id-dikjarazzjoni li a bażi tagħha saret l-assenjazzjoni mill-ġenituri tal-partijiet permezz tat-testment tagħhom *unica charta* tal-assi ereditarji tagħhom, kienet waħda erroneja u mhux sostnuta mill-fatti, u liema dikjarazzjoni żbaljata hija ta' preġudizzju għall-esponenti, in kwantu ġie mċaħħad mis-sehem tiegħu mid-dar ġewwa l-Ħamrun, u dan dejjem in bażi ta' tali dikjarazzjoni żbaljata; u

Illi konsegwentement u ġialadarba l-esponenti, flimkien mal-konvenut intimati, ġie nominat mill-ġenituri tiegħu – in forza tas-sitt (6) artikolu tal-istess testament *unica charta* – bħala eredi universali tagħhom, hu għandu jgawdi sehem indaqs flimkien mall-konvenuti intimati mis-sehem indiviż tal-omm mill-fond li kien jikkostitwixxi d-dar

matrimonjali tal-ġenituri tal-kontendenti; u

Illi *oltre* dan, l-espomemti fil-kwalita' tiegħu ta' eredi universali tad-defunta ommu, Josephine Aquilina, għandu wkoll sehem indaqs flimkien mal-konvenuti intimati mill-assi ereditarji kollha tal-imsemmija Josephine Aquilina, inkluż l-oġetti mobbli li kienu jinsabu ġewwa l-fond tal-Ħamrun; u

Illi għalkemm il-konvenuti intimati ġew interpellati sabiex jersqu għall-likwidazzjoni tas-sehem spettanti lill-esponenti mill-assi tad-defunta Josephine Aquilina, inkluż mis-sehem tagħha tad-dar ġewwa l-Ħamrun baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-prelegat in piena proprjeta' li ġie kostitwit mid-defunti Paul u Josephine konjuġi Aquilina, a *favur* tal-konvenuti intimati in forza tat-tielet (3) artikolu kontenut fit-testment tagħhom *unica charta* datat 19 ta' Ottubru in atti Nutar Dr Marion Felice, sar fuq premessa żbaljata kif kontenuta fir-raba' (4) artikolu tal-istess testment, u dan għar-raġunijiet premessi hawn fuq.

2. Illi konsegwnetement, tiddikjara illi tali fond, u ċjoe' l-fond numru 92, Sinai, Triq Joe Sciberras, Ħamrun, u aktar preċiżament in-nofs sehem indiviż minn tali fond li kien appartenenti lid-defunta Josephine Aquilina, għandu jiġi nkluż fil-massa ereditarja u jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' komputazzjoni tas-sehem spettanti lill-attur rikorrenti mill-istess assi ereditarji tad-defunta Josephine Aquilina.

3. Illi konsegwentement, tillikwida l-assi tad-defunta Josephine Aquilina, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u tassenja a favur l-attur rikorrenti s-sehem spettanti lilu, skond il-Liġi, minn tali assi ereditarji.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Mejju 2007, kontra l-konvenuti intimati nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anthony Aquilina, Marlene Debattista u Juliette Falzon ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2011 fejn ġie eċċepit:

1. Illi l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi *stante* illi l-prelegat mertu tal-azzjoni odjerna huwa *in linea* mad-dispost tal-artikoli 683 u 685 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement ma jistax jiġi annullat;

2. Illi l-esponenti ma għandhom l-ebda oġġezzjoni illi r-rikorrenti jingħata sehmu mir-rimanenti massa ereditarja wara li jitneħħa l-prelegat;

3. Illi kosegwentement it-talbiet attriċi kwantu rigwardanti għal annullament ta' dispożizzjoni testamentarja huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Semgħet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-rapport tal-espert kalligrafiku Joseph Gaffiero[1] nominat minn din il-Qorti sabiex jirrelata dwar jekk il-kitba u firem li jidhru fuq il-librett tal- kera esebit mill-konvenut humiex tad-defunt Paul Aquilina; u wkoll ir-rapport ulterjuri tiegħu[2] li huwa ppreżenta wara li kien intalab jirrelata dwar jekk ir-riċevuti sarux kollha f'kolp wieħed, jew sarux kull waħda fi żmienha.

[1] *Fol 98 et seq*
[2] *Fol 128 et seq*

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet taż-żewġ partijiet;

Semgħet it-trattattazzjoni tad-difensuri;

**Sfond:**

Il-partijiet f'din il-kawża huma lkoll aħwa, ulied Josephine Aquilina nee Mallia (li mietet fit-13 ta' Ottubru 2001) u Paul Aquilina (li miet fil-21 ta' Frar 2007).

Fid-19 ta' Ottubru 2000, il-konjuġi Josephine u Paul Aquilina kienu għamlu testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dr Mario Felice, li permezz tiegħu ħatru bħala eredi universali tagħhom l-erba' wliedhom (ċjoe' l-partijiet kollha f'din il-kawża). In forza tat-Tielet Artikolu pero', ħallew id-dar li fiha kienu joqogħdu bħala prelegat lil uliedhom il-konvenuti biss, ad esklużjoni ta' binhom l-attur. Fir-Raba' Artikolu spjegaw illi r-raġuni għaliex ħallewha lil tlieta minn uliedhom biss kienet għaliex huma kienu *"diġa' għaddew"* garaxx lil binhom l-attur.

*"It-Tielet Artikolu:*
*Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Tieni Artikolu ta' dan it-testment, it-testaturi jħallu b'titolu ta' prelegat in piena proprjeta', konsegwibbli fil-ġurnata tal-mewt tas-superstiti fost it-testaturi, id-dar tagħhom fejn joqogħdu bħalissa numru tnejn u disgħin (92) jisimha "Sinai" u fi Triq John Sciberras (fl-imgħoddi Mountbatten Street) il-Ħamrun, libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, u dina favur it-tliet uliedhom Anthony Aquilina, Juliette Falzon u Marlene Debattista, it-tlieta f'sehem indaqs bejniethom, u f'kull każ bid-dritt tar-rappreżentanza favur id-dixxendenti rispettivi tagħhom skont il-liġi.*

*Ir-Raba' Artikolu:*
*Għal kull buon fini t-testaturi jiddikjaraw li huma ħallew id-dar fejn joqogħdu lil tlieta biss minn uliedhom peress li fl-elf, disa' mija, disgħa u tmenin (1989) huma kienu diġa' għaddew il-garage li kellhom fi Triq Pietru Pawl Xuereb, Guardamangia, lil binhom l-ieħor Carmel-Paul magħruf bħala Charles Aquilina u għalhekk dan tal-aħħar diġa'*

*bbenefika sostanzjalment minn proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lit-testaturi."*

Wara l-mewt tal-omm, il-missier għamel testment ieħor fid-9 ta' Jannar 2003, fl-atti tan-Nutar Dr John Spiteri.

L-attur jikkontendi li d-dikjarazzjoni li saret fit-Raba' Artikolu tat-testment *unica charta* kienet erronja u mhux sostnuta mill-fatti għaliex għalkemm huwa minnu li huwa akkwista l-imsemmi garaxx f'Gwardamangia mingħand il-ġenituri tiegħu (permezz ta' kuntratt datat 2 ta' Jannar 1989 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Felice) tali trasferiment kien wieħed oneruż, ossia bejgħ, tant li huwa kien ħallas Lm3,500 lill-ġenituri tiegħu. Għaldaqstant huwa jsostni li huwa għandu jieħu sehem daqs hutu l-oħra mis-sehem indiviż li l-omm kellha mill-fond tal-Ħamrun.

**Kronoloġija ta' dokumenti:**

Għall-aħjar intendiment tal-vertenza din il-Qorti qegħda telenka b'mod kronoloġiku d-dokumenti rilevanti:

| | |
|---|---|
| 02.04.1970 | **Skrittura ta' kera** li permezz tagħha Paul Aquilina ttrasferixxa b'titolu ta' lokazzjoni lil Paul Pastura fond f' St Luke's Road, Guardamangia, għal skop ta' *garage hire* |
| 02.01.1989 | **Kuntratt ta' bejgħ** (atti Nutar Mario Felice) li permezz tiegħu Paul Aquilina biegħ lil Anthony Aquilina għan-nom ta' ħuh Carmel Aquilina (debitament awtorizzat permezz ta' prokura) il-garaxx fi Triq Pietru Pawl Xuereb, (fl-imgħoddi St Luke's Road) Guardamangia għall-prezz ta' Lm3,500. Ġie dikjarat li Paul Aquilina kien diġa' rċieva tali somma mingħand Anthony Aquilina nomine. Ġie dikjarat ukoll li l-garaxx kien *"bħalissa msemmi mill-inkwilin bħala 'Budget Rent-a-Car'"*. |

| | |
|---|---|
| 08.03.1991 | **Terminazzjoni ta' lokazzjoni** (atti Nutar Mario Felice) li permezz tagħha Anthony Aquilina f'isem ħuh <u>Carmel Aquilina</u> (issa sid il-garaxx) u <u>Paul Pastura</u> (inkwilin tal-garaxx) ftehimu li tiġi terminata l-lokazzjoni tal-garaxx. Bħala kumpens talli Paul Pastura assuma l-obbligu li jiżgombra mill-garaxx u jikkonsenja ċ-ċwievet lil Anthony Aquilina f'isem ħuh Carmel Aquilina, dan tal-aħħar obbliga ruħu li jħallas is-somma ta' <u>Lm3,900</u>. Ġie dikjarat li Lm900 għaddihom dakinhar, u li l-bilanċ ta' Lm3000 kellu jitħallas permezz ta' sitt rati mensili ta' Lm500 |
| 01.07.1991 | **Kunsens għal kanċellament ta' ipoteka** (atti Nutar Mario Felice) Permezz ta' dan l-att Paul Pastura ddikjara li kien irċieva l-bilanċ ta' Lm3,000 mingħand Carmel Aquilina u li għalhekk kien qed jagħti l-kunsens tiegħu għall-kanċellament totali tal-ipoteka 4018/1991 |
| 1989-2002 | **Diversi riċevuti tal-kera** rigwardanti kera ta' Lm70 mħallsa mill-attur lil missieru kull tliet xhur fir-rigward tal-garaxx fi Guardamangia |
| 19.10.2000 | **Testment *unica charta*** (atti Nutar Mario Felice) tal-konjuġi Aquilina, ġenituri tal-kontendenti |
| 30.07.2002 | **Ittra mibgħuta mill-attur lill-missier** (wara l-mewt tal-omm f'Ottubru 2001) fejn infurmah li kien qabbad avukat biex iwaqqaf il-prokuri kollha li kellu Malta; irringrazzjah ta' żewġ ċrieket li kien bagħtlu man-Nutar Felice; u b'riferenza għall-kopja tat-testment *unica charta* li annetta mal-ittra, u senjatament għas-<u>Sitt Artikolu</u> fejn huwa ġie indikat bħala wieħed mill-erba' eredi universali, talbu |

jispjegalu:

*"x'ħalliet eżatt ommi, eżempju kontijiet il-bank, flus, dehbijiet, ħwejjeġ etċ u meta ser jinqasam dan il-ġid."*

09.01.2003 **Testment tal-missier**, Paul Aquilina (Atti Nutar John Spiteri) – mhux fl-atti

09.01.2003 **Affidavit ta' Paul Aquilina** (quddiem in-Nutar John Spiteri) fejn b'riferenza għall-kuntratt ta' bejgħ tal-1989 li permezz tiegħu huwa kien biegħ il-garaxx lill-attur, iddikjara li:

*"għalkemm dan il-kuntratt huwa ta' bejgħ, fil-fatt l-intenzjoni kien li jiena l-garage qed intih lit-tifel tiegħi b'donazzjoni. Jiena ma ħadt xejn mis-somma ta' Lm3500 msemmija fil-kuntratt li ħariġhom l-istess Carmel Aquilina, peress li dawn ingħataw bħala rigal lil ċertu Paul Pastura li kien inkwilin fil-garage, sabiex joħroġ mill-istess garage. Jidhrili li dan il-pagament kien sar f'rati mensili ta' elf lira Maltin.*

*Ngħid ukoll li parti mill-ftehim mat-tifel tiegħi Carmel Aquilina kien li dan il-post jinqaleb fuq ismu bil-lest bħala sehem tiegħu mill-wirt li eventwalment it-tfal tiegħi ser ikunu intitolati għalih. Fil-fatt konna ftehemna li tul ħajti kollha, Carmel Aquilina għandu jħallas lili kera ta' sebgħin liri Maltin kull tliet xhur. Ta' dawn il-pagamenti jiena għandi ktieb tal-kera. L-aħħar pagament sar f'April 2002 u minn dakinhar 'l hawn qatt ma għamel pagament ieħor.*

*Niddikjara wkoll li preżentement ninsab f'Villa Messina u fid-dar fejn kont ngħix, u ċjoe' 92, Sinai,*

*Triq Joe Sciberras, Ħamrun m'hemm xejn ta' valur, peress li l-affarijiet ta' ċertu valur kienu tqassmu l-biċċa l-kbira minn marti waqt li kienet għadha ħajja, u l-kumplament minni wara mewtha lill-erba' wliedna b'mod ugwali bejnietna."*

**Xhieda:**

**L-attur Carmel Aquilina** fix-xhieda tiegħu tat-22 ta' Frar 2012[3] spjega li hu jgħix l-Ingilterra iżda ġej u sejjer Malta. Qal li fil-mument meta ġiet nieqsa l-omm, l-unika proprjeta' immobbli li kien għad baqagħlhom il-ġenituri tiegħu kienet biss id-dar matrimonjali tal-Ħamrun. Dwar il-garaxx (li oriġinarjament kien mikri minn missieru Paul Aquilina lil ċertu Paul Pastura, u li kien qed jintuża bħala negozju ta' *car hire)* l-attur spjega li darba minnhom missieru kien qallu li l-inkwilin Paul Pastura ried iżarma min-negozju li kellu iżda minħabba li skont l-iskrittura tal-kera seta' jwellih kien talbu elf lira biex jiżgombra minnu. Kompla jispjega li missieru għalhekk staqsih jekk riedx iħallas l-elf lira hu, u jieħu l-garaxx hu. Spjega li hu kien aċċetta u għalhekk kien sar kuntratt bejnu u bejn missieru u huwa kien għadda l-ammont ta' Lm3,500 lil missieru. Ippreċiża li fil-fatt kien ħuh il-konvenut Anthony Aquilina li kien għadda s-somma ta' Lm3,500 lil missieru f'ismu. Qal li hu kien għamel prokura kemm lil missieru kif ukoll lil ħuh, u qal ukoll li kellu flus f'*safe deposit box.* Qal li *"naħseb kienu ġos-safe deposit box dawn il-flus jekk ma kinux f'idejh".* Kompla jgħid li meta mar ikellem lill-inkwilin dan talbu Lm5,000 biex jiżgombra mill-garaxx iżda imbagħad kienu ftehmu fuq Lm3,900. Enfasizza li allura hu ħallas mhux biss l-Lm3,500 lil missieru (biex akkwista l-garaxx) iżda wkoll l-Lm3,900 lill-inkwilin (biex jieħu l-pussess vakanti). Enfasizza wkoll li dawn il-flus għalkemm tħallsu minn ħuh Anthony Aquilina, kienu ġew mingħandu. Qal li huwa imbagħad biegħ il-garaxx fl-2004 għall-prezz ta' Lm12,000.

Muri r-riċevuti tal-kera (fuq imsemmija) fejn jirriżulta li hu kien iħallas lil missieru Lm70 kull tliet xhur mill-1989 sal-2002 fir-rigward tal-

[3] Xhieda tal-attur, 22.02.2012, fol 32 *et seq*

garaxx, huwa qal li qatt ma rahom b'għajnejh. *"Qatt ma rajthom. Qatt ma ħallast… jien qatt ma rajthom b'għajnejja."* Sostna li qatt ma ħallas kera lil missieru għall-garaxx.

F'xhieda sussegwenti, fl-20 ta' April 2016[4], qal li missieru u ħuh il-konvenut kellhom prokura ġenerali, u l-unika ħaġa li ma setgħux jagħmlu kien li jisselfu flus fuq ismu. Qal li bħala stat ta' fatt kien ivverifika jekk il-prezz indikat fil-kuntratt tal-bejgħ tal-garaxx (Lm3,500) tħallasx, u rriżultalu li *"tħallas għax il-flus naqsu."* Ikkonferma li anke fir-rigward tar-rigal ta' Lm3,900 kien ħuh il-konvenut li għadda l-flus lill-inkwilin.

Dwar il-ktieb tal-kera reġa sostna li dawn qatt ma rahom b'għajnejh. Jistaqsi: *"għalfejn se mmur nikrih mingħand missieri biex inħallih vojt?"* Qal ukoll li ħadd ma ħarġu ammonti ta' Lm70 kull tliet xhur mill-kontijiet bankarji tiegħu f'Malta.

F'xhieda ulterjuri tat-23 ta' Ġunju 2017[5] l-attur spjega li ħuh il-konvenut Anthony Aquilina (bħala amministratur tal-affarijiet tiegħu f'Malta) kien ikollu ammonti kbar ta' flus tiegħu f'idejh, *"ġieli kellu tletin u erbgħin elf f'idejh".* Reġa' tenna li dawn kienu jinżammu f'*safe deposit* jew il-bank, fejn kellu kontijiet b'sitt figuri. Qal li lil ħuh il-konvenut u lil missieru kien jafdaħ b'ħajtu u qatt ma kellhom problemi. Dwar il-garaxx qal li barra l-Lm3,500 li ħallas lil missieru, kellu jħallas Lm3,900 lil Pastura biex dan joħroġlu minn hemm. Huwa nnega li qatt kien iħallas lil missieru Lm70 bħala kera tal-garaxx kull tliet xhur. Enfasizza li l-kuntratt li sar kien tal-bejgħ tal-garaxx u mhux tal-kiri tal-garaxx. Mistoqsi dwar ċekk ta' Lm70 intestat f'isem missieru u esebit fl-atti qalli jaħseb li kien jirrigwarda xi kontijiet u mhux l-aħħar kirja li tidher fil-ktieb tal-kera.

**Il-konvenut Anthony Aquilina** fix-xhieda tiegħu tat-2 ta' Mejju 2012[6] xehed li l-ktieb (librett) tal-kera kien ġie f'idejh propju għaliex kien

[4] Xhieda tal-attur, 20.04.2016, fol 163 *et seq*
[5] Xhieda tal-attur Carmel Aquilina, 23.06.2017, fol 228 *et seq*
[6] Xhieda tal-konvenut Anthony Aquilina, 02.05.2012, fol 55 *et seq*

għaddihulu missieru. Qal li missieru kien beda jħoss li l-attur *"ġej bl-inkwiet"* u allura beda jaħseb għal ħafna affarijiet biex jevita l-inkwiet bejn l-aħwa. Xehed li l-attur ħuh Carmel Aquilina:

*"Beda jmur jgħid lil missieri li l-garaxx xtrah meta fil-fatt mhux veru xtrah, u beda jipprova jdaħħallu f'rasu li għax ħallas rigal tal-garaxx ried jgħid li dak il-flus xtrah meta missieri qallu 'Lili qatt ma tajtni flus' u fil-fatt veru qatt ma taħ għax jien kont niddijlja kollox... Imbagħad meta beda jħossu qed jgħajja beda jtini ċertu dokumenti, imur għand in-Nutar, għamel skrittura, biddel it-testment, qed tifhem, biex l-affarijiet kemm jista' jkun ma jħallix u jekk jinqala' l-inkwiet ikun hemm x'nuru"*

Dwar il-kuntratt tal-1989, fejn huwa deher f'isem ħuh l-attur u xtara l-garaxx mingħand missierhom f'isem ħuh l-attur, huwa spjega fid-dettall ir-retroxena. Qal li l-attur kien qallu li xtaq iħallas ir-rigal li kien qed jippretendi l-inkwilin sabiex jieħu l-garaxx hu. Spjega li hu kien qisu l-*"middleman*" ta' bejn ħuh l-attur (li jgħix l-Ingilterra) u l-missier, u allura kien avviċina lil missierhom u qallu bix-xewqa tal-attur li jieħu l-garaxx hu. Qal li l-missieru kien qallu *"joħroġ ir-rigal, jibqa'* (*recte:* jibda) *jtini Lm70 kull tliet xhur sakemm immut u imbagħad il-garaxx jieħdu hu."* Ikkonferma li fil-fatt hekk sar. Qal li s-somma ta' Lm3,900 bħala rigal kien ħallasha hu mill-flus ta' ħuh l-attur. Qal li l-kera ta' Lm70 kien iħallashom lill-missier hu wkoll, u dan mill-flus li l-attur kien iħallilu. Qal li r-riċevuti tal-kera kien jiktibhom il-missier. Ippreċiża li l-attur dejjem kien iħallilu flus f'idejh sabiex ikun jista' jamministralu l-affarijiet tiegħu f'Malta.

Fix-xhieda tiegħu tal-14 ta' Novembru 2014[7] reġa' kkonferma li kien hu li kien imur iħallas il-kera lil missieru għan-nom ta' ħuh l-attur. Qal li l-ktieb kien iżommu missieru iżda wara li kien mar joqgħod Villa Messina kien għaddielu ħafna affarijiet, fosthom il-ktieb tal-kera. Dwar il-kuntratt tat-trasferiment tal-garaxx tal-1989 (u li fuqu deher hu għan-nom ta' ħuh l-attur) qal li kien jaf li l-kuntratt kien wieħed ta' bejgħ u mhux ta' donazzjoni. Spjega li hu u l-attur kienu *"close ħafna"* u darba

[7] Xhieda tal-konvenut Anthony Aquilina, 14.11.2014, fol 136 *et seq*

minnhom l-attur kien avviċinah fir-rigward tal-garaxx u qallu:

*"... isma' jekk jiġi nieqes missieri qalli jaqbżu fuqi ħuti u ma jkunx nista' nieħdu jien dan. Għidtlu jien jekk kuntent missieri kuntent jiena, jiena happy u għamilna kuntratt kif ried hu, għax dan il-garaxx tahulu, happy hu, happy jien, happy kulħadd kien, qed tifhem."*

Fl-10 ta Ġunju 2016 il-konvenut Anthony Aquilina ippreżenta affidavit[8]. Dwar il-prezz tal-garaxx ta' Lm3,500 indikat fil-kuntratt tal-1989 fejn ġie dikjarat li l-missier kien diġa' rċieva tali ammont mingħandu (Anthony Aquilina) f'isem l-attur, huwa enfasizza li tali somma flus effettivament qatt ma għaddiet.

*"Essenzjalment il-ħsieb kien li Carmel kien ser jieħu r-responsabbilta' li jħallas l-ammont li Pastura kien qed jippretendi. IL-flus għaddew minn idejja għan-nom ta' ħija Carmel lil Paul Pastura. Hija kien jaf b'dan kollu li kien qed isir. Il-flus li jien kont tajt lil Pastura kienu ingħataw lili mingħand hija. Jien qatt ma ħriġt flus minn tiegħi sabiex inħallas lil Pastura u kull pagament li jien għamilt lil Pastura għan-nom ta' ħija sar bi flus ta' ħija u bl-approvazzjoni ta' ħija."*

Kompla jgħid li peress li ħuh l-attur kien joqgħod barra kien jeħodlu ħsieb ħafna affarijiet tiegħu, fosthom li jħallaslu l-kera ta' Lm70 fir-rigward tal-garaxx lil missieru.

Xehed li wara l-mewt tal-omm f'Ottubru 2001, l-attur kien akkwista kopja tat-testment *unica charta* u minn hemm kien beda l-inkwiet. Qal li l-attur kien irid li jiġi inkluż fl-qsim tad-dar tal-Ħamrun iżda missierhom *"kien dejjem jirrispondih li Carmel kien gia ħa sehmu permezz tal-garaxx."* Qal li l-attur kien jagħmillu pressjoni biex ibiddel it-testment u missieru rrifjuta, u allura l-attur kien qallu li ma kienx iktar ibnu. Qal li missieru kien ċempillu biex jgħidlu b'kollox. Kompla jgħid li l-attur imbagħad ma kompliex iħallas il-kera: fil-fatt xehed li l-aħħar pagament kien għamlu fl-1 ta' April 2002 permezz ta' ċekk bil-posta

[8] Affidavit tal-konvenut Anthony Aquilina, ippreżentat 10.06.2016, fol 171 *et seq*

(reġistrata)[9] u sakemm miet missieru ma ħallasx iktar kera. (Huwa spjega li l-aħħar ftit pagamenti ma kienx baqa' jagħmilhom hu f'isem l-attur, iżda kien jagħmilhom l-attur stess meta jkun Malta jew jibagħthom mal-*partner* li kellu dak iż-żmien Antoinette Bishop.) Mistoqsi jispjega kif ġew f'idejh iċ-ċekk u l-*envelope* relattiv, spjega li huwa kien isarraf iċ-ċekkijiet ta' missieru u missieru kien qallu biex isarraflu dan iċ-ċekk partikolari. Qal li l-missier, li dak iż-żmien kellu fuq it-tmenin sena, kien diżappuntat ħafna meta ma baqax iħallsu kera għaliex bil-kera kien ikollu xi ħaġa xi jżid mal-pensjoni. Qal li minħabba tali ċirkostanzi l-missier biddel it-testment fid-9 ta' Jannar 2003 għand in-Nutar John Spiteri, u iddiżeredita lill-attur.

Fix-xhieda tiegħu tat-8 ta Novembru 2017[10] ikkonferma li l-attur kien iħallas lill-missieru Lm70 kull tliet xhur skont ftehim verbali li kellhom. Dwar il-prezz tal-garaxx, indikat fil-kuntratt ta' bejgħ relattiv fis-somma ta' Lm3500, huwa reġa' sostna li huwa qatt ma għadda tali somma flus lil missieru (f'isem ħuh). Mistoqsi għaliex allura t-trasferiment tniżżel bħala bejgħ, huwa reġa' kkonferma li r-raġuni kienet għaliex l-attur kien qed jibża' li ħutu (ċjoe' l-konvenuti bniet) jaqbżu fuqu wara l-mewt tal-missier. *"Hu qalli, qalli mhux aħjar nagħmluh li xtrajtu l-garaxx ħalli ħuti ma jkunux jistgħu jaqbżu fuqi?"*

Fix-xhieda tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017[11] qal li peress li kien jieħu ħsieb l-affarijiet ta' ħuh l-attur, huwa kien iħallilu flus kontanti f'idejh. qal li wara li ħuh l-attur neħħielu l-prokura huwa ma baqax jagħmel ħlasijiet f'ismu.

Fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' Frar 2018[12] qal li sakemm kellu l-prokura ta' ħuh, kull tliet xhur kien imur iħallas il-kera tal-garaxx lil missieru. Qal li l-aħħar pagamenti ta' kera imbagħad ma kienx baqa' jagħmilhom hu f'isem ħuh l-attur lil missieru, iżda kien beda jagħmilhom ħuh l-attur stess jew il-partner tiegħu. Qal li kien ikun jaf għaliex meta kien imur

[9] Kopja taċ-**ċekk,** fol 188; u l-***envelope* oriġinali** li fih intbagħat iċ-ċekk a fol 194 (kif konfermat bil-ġurament tal-konvenut Anthony Aquilina fit-8 ta' Frar 2017) fol 195 *et seq*
[10] Xhieda ta' Anthony Aquilina, 08.11.2017, fol 258 *et seq*
[11] Xhieda ta' Anthony Aquilina, 01.12.2017, fol 292 *et seq*
[12] Xhieda ta' Anthony Aquilina, 21.02.2018, fol 313 *et seq*

għad missieru kien jgħidlu li kien ħallsu l-attur. *"Missier kien jgħidli li ħallsu għax kont immur għandu jien, kien jgħidli, ġabli l-kera. Ġabuli l-kera."* Jikkonferma li l-aħħar pagament ta' kera li għamel l-attur kien għamlu permezz ta' ċekk. Muri d-dokument Dok CA3[13], li huwa *statement* tal-HSBC datat 3 ta' Settembru 2000, fejn jidher indikat il-kera ta' *locker* fuq ismu (A. Aquilina), qal li jista' jkun li ħuh l-attur kien għamillu kaxxa fuq ismu. Qal li kienu jingwalawha ħafna dak iż-żmien.

**Alison Mifsud Brimmer** rappreżentanta tal-Bank HSBC fix-xhieda tagħha tas-7 ta' April 2017[14] qalet li ċ-ċekk ġie tal-1 ta' April 2002 ġie ġirat favur United Acceptance Finance Ltd (kif jidher mill-firma ta' Paul Aquilina fuq in-naħa ta' wara taċ-ċekk, fol 204).

**In-nutar Mario Felice** fix-xhieda tiegħu tal-4 ta' Novembru 2015[15] xehed illi huwa preċiż ħafna fid-diskors li jikteb fuq l-atti. Enfasizza li huwa ma jniżżilx affarijiet minn jeddu iżda affarijiet li jkunu jirriflettu diskors li jkun intqal lilu mill-partijiet preżenti quddiemu. Dwar il-kuntratt tal-1989 li permezz tiegħu il-missier "biegħ" il-garaxx lill-attur, mistoqsi jekk quddiemu kienx sar xi diskors dwar ħlas ta' kirja lill-venditur wieġeb li ma setax jgħid. Dwar it-testment *unica charta,* u senjatament ir-Raba' Artikolu fejn jingħad li l-ġenituri *"diġa' għaddew il-garaxx"* lill-attur, qal li d-diskors tat-testaturi huwa *"vag"*. Fuq suġġeriment li r-Raba' Artikolu jinftiehem li d-dar kienet qed titħalla lil tlieta mill-ulied biss, ad esklużjoni tal-attur minħabba li t-testaturi kienu diġa tawh il-garaxx, in-Nutar irrisponda:

*"Le, le. M'hemmx dubju, m'hemmx dubju. Almenu d-diskors li dejjem intqal quddiemi minn Paul u Josephine Aquilina ma kinitx li tawhielu b'donazzjoni. Illi dana l-patrimonju tiegħu mill-immobbli tagħhom ibbenefika għaliex dana xi ħaġa li dak iż-żmien kienet ta' valur ristretta. Dina dejjem il-forma mentis tiegħi. Minħabba li kien hemm l-inkwilinat dak iż-żmien, u naħseb jiena l-impressjoni tiegħi li sat-2000 dana ma baqax bl-inkwilin, dan il-valur tiegħu akkrexxa. Issa jiena b'mod tekniku*

[13] Fol 23
[14] Xhieda ta' Alison Mifsud Brimmer, 07.04.2017, fol 213, *et seq*
[15] Xhieda tan-Nutar Mario Felice, 04.11.2015, fol 147 *et seq*

*ngħid akkrexxa favur l-owner. Dawna kienu jgħidu, hey, minn xi ħaġa, minn żerriegħa li tajtu, dana bbenefika. Jiena r-Raba' Artikolu, dak kien is-sens li jiena ħadt. Jiġifieri jiena tajtu żerriegħa, tajtu. Biegħtlu żerriegħa, jiġifieri, imma qatt ma qalu li ma rċevewx flus."*

**In-Nutar John Spiteri**, fix-xhieda tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017[16] ikkonferma li d-dikjarazzjoni li għamel Paul Aquilina fid-9 ta' Jannar 2003 saret quddiemu u ġiet iffirmata quddiemu.

**Rapporti tal-perit kalligrafiku Joseph Gaffiero:**

L-ewwel rapport: Wara li l-espert kalligrafiku nominat mill-Qorti eżamina l-firem ta' missier il-kontendenti (Paul Aquilina) li jidhru fuq l-*identity cards* u l-passaporti mgħoddija lilu u qabbilhom mal-firem li jidhru fuq il-ktieb tal-kera, huwa kkonkluda li:

*"m'għandi assolutament ebda dubju li huma kollha ġenwini u mitkuba minn id waħda – f'dan il-każ, dik ta' Paul Aquilina."*

Rapport ulterjuri: Wara li l-espert kalligrafiku intalab jerġa' jeżamina r-riċevuti tal-kera biex jara jekk kienx hemm il-possibbilta' li dawn inkitbu f'kolp wieħed, jew sarux kull waħda fi żmienha, huwa kkonkluda li:

*"Ir-riċevuti ngħid li saru fi żmienhom waħda waħda fil jew viċin il-jum tal-għeluq tad-data tal-kera, meta ibnu Carmel imur iħallsu."*

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

Il-kwistjoni odjerna bażikament tippernja fuq ir-Raba' Artikolu tat-testment *unica charta* tal-ġenituri tal-kontendenti, fejn l-istess ġenituri tal-kontendenti jispjegaw għaliex fit-Tielet Artikolu ħallew id-dar matrimonjali tagħhom lil tlieta minn uliedhom biss (il-konvenuti f'din il-kawża) u mhux ukoll lil binhom Carmel Aquilina (l-attur f'din il-kawża):

[16] Xhieda tan-Nutar John Spiteri, 01.12.2017, fol 290

"*peress li fl-1989 huma kienu diġa għaddew il-garage li kellhom fi Triq Pietru Xuereb, Guardamangia lil binhom l-ieħor Carmel-Paul magħruf Charles Aquilina, u għalhekk dan tal-aħħar diġa' bbenefika sostanzjalment minn proprjeta' immobbli li kienet tappartjeni lit-testaturi.*"

Illi l-attur Carmel Aquilina jargumenta illi ġie eskluż mill-prelegat tad-dar fuq *"**premessa żbaljata**"*, għaliex il-garaxx li jissemma' fit-Raba' Artikolu ma ġiex mgħoddi lilu grawtitament iżda kien **xtrah** mingħand missieru fl-1989 għall-prezz kummerċjali ta' Lm3,500, u *in oltre* kellu jħallas lill-inkwilin Lm3,900 sabiex jiżgombra minnu.

Il-konvenuti pero' jsostnu li l-prelegat huwa *invece in linea* mad-dispost tal-Artikoli 683[17] u 685[18] tal-Kodiċi Ċivili u konsegwentement ma jistax jiġi annullat.

Il-konvenut Anthony Aquilina (li għal żmien twil kien jamministra l-affarijiet tal-attur f'Malta) xehed li m'hu veru xejn li l-attur kien ħallas Lm3,500 lil missieru għall-garaxx. Il-verżjoni tiegħu hi li l-attur u missieru kienu ftehmu li l-garaxx jieħdu hu, iħallas ir-rigal mitlub mill-inkwilin sabiex dan jiżgombra minnu, u jibda jagħti lil missieru Lm70 kera tiegħu kull tliet xhur tul ħajtu. Jispjega li l-kuntratt ta' "bejgħ" tal-1989 li permezz tiegħu l-attur "xtara" l-garaxx mingħand missieru ma kien bejgħ xejn għaliex kuntarjament għal dak li ġie dikjarat fl-istess kuntratt, ma kien għadda l-ebda flus lil missieru; u li r-raġuni għalfejn kien ġie dikjarat hekk kien sabiex ħutu l-bniet ma jaqbżux fuqu 'il quddiem.

---

[17] Artikolu 683

*Kull dispożizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taħt lisem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taħt l-isem ta' legat, kemm ukoll taħt kull isem ieħor, għandha effett, basta li tkun imfissra b'mod li l-volontà tat-testatur tista' tiġi magħrufa, u ma tkunx kuntrarja għad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.*

[18] Artikolu 685

*(1) Kull dispożizzjoni ta' testment ibbażata fuq raġuni li waħidha tkun ġiegħlet lit-testatur jagħmilha, u li tkun falza, m'għandha ebda effett.*

*(2) Jekk it-testatur isemmi raġuni, iżda ma jkunx jidher mit-testment li dik ir-raġuni kienet hija waħidha li ġegħlitu, id-disposizzjoni tat-testment, ukoll jekk dik ir-raġuni tinsab falza, għandha effett, kemm-il darba ma jiġix ippruvat illi t-testatur kien imġiegħel biss mir-raġuni.*

In-Nutar Mario Felice, li irredieġa t-testment *unica charta* tal-2000 għamilha ċara li d-diskors tal-ġenituri fir-rigward tar-Raba' Artikolu kien *"vag"*. Qal li ma speċifikawx jekk kinux *"għaddew"* il-garaxx lill-attur b'mod gratwitu jew b'mod oneruż. Madanakollu qal li kif jaraha hu, anke jekk l-attur kien għadda xi flus għall-akkwist tal-garaxx, il-ġenituri kienu qed jirrikonoxxu li l-benefiċċju li ħa mill-akkwist kien wieħed sostanzjali.

Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, jirriżultalha li dawn jimmilitaw ferm favur it-teżi tal-konvenuti u kontra t-teżi tal-attur Carmel Aquilina. Is-segwenti fatturi jissostanzjaw il-verżjoni tal-konvenuti:

- L-affidavit tal-missier stess, fejn jgħid li l-attur qatt ma taħ xi flus tal-garaxx, iżda ftehmu li kellu jħallsu Lm70 kull tliet xhur;

- Ir-riċevuti mill-1989 sal-2002, li l-perit kalligrafu ikkonferma li huma ġenwini in kwantu mhux biss saru mill-missier, iżda saru kull waħda fi żmienha u mhux f'kolp wieħed;

- Iċ-ċekk ta' Lm70 datat 1 ta' April 2002 li l-attur bagħat lil missieru;

- L-ittra tat-30 ta' Lulju 2002 li l-attur bagħat li missieru (wara l-mewt tal-omm) b'kopja tat-testment *unica charta* annessa, fejn talbu biex jinfurmah fiex kienu jikkonsistu l-beni immobbli tal-omm (li tagħhom kellu sehem ta' ¼ flimkien ma' ħutu, bħala eredi universali). Ta' importanza partikolari huwa l-fatt li ma jikkummenta xejn dwar il-fatt li ġie eskluż mill-prelegat tad-dar minħabba li kien ġie mgħoddi lilu l-garaxx.

Iqum pero' l-argument illi anke kieku wieħed kellu joqgħod fuq il-verżjoni tal-konvenuti, u ċjoe' li biex l-attur akkwista l-garaxx mingħand missieru ma għaddhielu l-ebda somma flus *in linea* ta' prezz, iżda kien minflok jgħaddilu Lm70 kull tliet xhur tul ħajtu, jiġi li f'kwalunkwe każ xorta ma kienx qed jakkwista l-garaxx

"gratwitament". Fil-fatt din il-qorti tosserva li sad-data li fih sar it-testment *unica charta* jiġi li diġa kien ħallas 48-il pagament ta' Lm70 il-wieħed (u ċjoe' Lm3,360) *in linea* ta' kera. Madanakollu huwa evidenti li l-ġenituri tiegħu kienu qiesu li minkejja l-flus tal-kera li kien qed joħroġ l-attur in konnessjoni mal-akkwist tal-ġaraxx, xorta ġie li huwa *"ibbenefika sostanzjalment"*. (Ovvjament dan għaliex tul is-snin il-valur tas-Lm70 kull tliet xhur dejjem ikun qed jonqos, filwaqt li l-valur tal-garaxx dejjem ikun qed jiżdied, speċjalment wara li ġie ivvakat mill-inkwilin, anke jekk l-istess attur kellu jħallas rigal għal dan l-iskop.) Jidher li kien għalhekk allura li l-konjuġi Aquilina qiesu li kien diġa ħa s-sehem tiegħu mill-proprjeta' immobbli li kellhom, u li allura ma kellux ukoll ikollu sehem mid-dar matrimonjali, li kienet l-unika proprjeta' immobbli li kien għad fadlilhom.

Għaldaqstant din il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-esklużjoni tal-attur mill-prelegat tad-dar matrimonjali saret fuq *"premessa żbaljata"*. Isegwi allura li l-ewwel u t-tielet talbiet huma nfondati. Fir-rigward tat-tielet talba, u ċjoe' biex jiġu likwidati l-assi ereditarji ta' Josephine Aquilina, u biex jiġi assenjat is-sehem spettanti lilu, <u>ma tressqet l-ebda prova dwar il-beni mobbli li setgħet ħalliet l-istess Josephine Aquilina</u>, anzi il-missier fl-affidavit tiegħu qal li fid-dar matrimonjali ma kien hemm xejn ta' valur peress li l-affarijiet ta' valur kienu tqassmu l-biċċa kbira minn martu, u l-kumplament minnu wara mewtha, lill-erba' uliedhom b'mod ugwali.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-attur.**

**L-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**

S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi
14 ta' Diċembru 2018